MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## VALENZIA GEOFFREY

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 2104/2000/1

**Benjamin Muscat**
**vs**
**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** fejn gie premess illi l-konvenut f'Settembru, 1995 iffirma sitt (6) kambjali (kopja taghhom hawn annessa u mmarkata Dok. BM1, BM2, BM3, BM4, BM5 u BM6 favur l-attur, ta' l-import ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) kull kambjala, komplessivament ammontanti ghal tletin elf lira Maltin (Lm30,000);

Premess illi l-imsemmija kambjali mmaturaw rispettivament fid-29 ta' Novembru, 1995, fis-6 ta' Dicembru, 1995, 13 ta' Dicembru, 1995, 20 ta' Dicembru, 1995, 27 ta' Dicembru, 1995 u fit-3 ta' Jannar, 1996 u dan minghajr ma thallsu;

Premess illi dan il-kreditu ta’ l-attur huwa cert, likwidu u dovut kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni guramentata hawn annessa u mmarkata Dok. BM 7;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti biex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta’ l-Artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma komplessiva ta’ tletin elf lira Maltin (Lm30,000) dovuta kif fuq intqal;

Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali mid-data ta’ maturar ta’ kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Il-Qorti kienet awtorizzat lill-konvenut jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 15 tal-process fejn eccepixxa:

Illi l-kambjali originali – allura mhux kopji awtentikati ta’ l-istess ghandhom jigu ppresentati mill-attur u ghandhom jifformaw parti mill-atti ta’ din il-kawza biex tigi skansata l-possibilita’ illi tali kambjali jigu girati favur it-terzi matul il-pendenza ta’ din il-kawza u jkunu b’dan il-mod jikkostitwixxu kreditu favur tali terzi kontra l-eccipjent.

Illi l-kambjali meritu tal-kawza huma nulli billi ma humiex korrettament datati.

Illi l-imsemmija kambjali gew accettati mill-eccipjent bhala konsiderazzjoni tax-xiri ta’ propjeta’ immobiljarja mis-socjeta’ *Cool Operators Limited* minghand is-socjeta’ *Benny’s Catering Limited*. Illi ghalhekk huwa manifestament doluz illi l-attur jittenta jikseb il-hlas ta’

korrispettiv illi ma huwiex dovut. L-eccipjent istitwixxa kawza fl-ismijiet inversi (CIT NRU:- JRM 2513/00) sabiex jigi dikjarat illi l-import ta' numru ta' kambjali accettati mill-eccipjent, komprizi dawk meritu ta' din il-kawza, ma humiex pagabbli u li l-imsemmija kambjali ghandhom jigu ritornati mill-attur odjern (konvenut fil-kawza l-ohra) lill-eccipjent. Illi skond il-gurisprudenza prevalenti f'tali cirkostanzi, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tissoprassjedi sakemm l-ezitu tal-kawza hekk istitwita mill-eccipjent jkun maghruf, jew illi t-talbiet attrici ghall-hlas tal-kambjali jigu michuda f'din l-istanza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal a fol. 23 fejn l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-partijiet ittrattaw fin-noti rispettivi taghhom it-tielet eccezzjoni tal-konvenut u l-Qorti ser tiddeciedi fuq dina l-eccezzjoni.

F'dina l-eccezzjoni l-konvenut qed jitlob li dina l-Qorti tissoprasjedi pendenti l-ezitu tal-kawza fl-ismijiet inversi prezentata mill-konvenut fejn hu qed jitlob li l-kambjali n-kwistjoni m'ghadhomx pagabbili billi l-hlas taghhom ma jistax jigi pretiz. Dana biex tigi skartata l-possibilita' li l-attur jigi kanonizzat kreditur tal-konvenut fl-import ta' kambjali li sussegwentement jigu dikjarati nvalidi.

Il-konvenut qed jissottometti li l-artikolu 198 tal-Kap 13 mhux applikabbili f'dana l-kaz billi l-eccezzjoni tieghu tolqot l-ezistenza stess tal-kambjali li jivvizzjaw il-kunsens tal-konvenut u kwindi hemm in-nullita' tal-kambjali.

**LIGI**

**L-artikolu 198 Kodici tal-Kummerc** jipprovvdi li:

*(1) L-eccezzjonijiet li huma personali ghall-pussessur tal-kambjala ma jistghux idewmu l-hlas taghha, jekk ma jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja.*

*(2) Jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jinhtiegu ezami fit-tul, is-smiegh taghhom isir f'kawza ghaliha, u sadanittant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajra, skond ma jidhrilha l-Qorti, m'ghandiex tkun imdewma.*

L-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il-kawza proposta a bazi ta' kambjala ghandha tigi mill-Qorti ttrattata bl-aktar celerita possibbli. Il-Kummerc jitlob il-heffa u l-ghagla fil-kontrattazzjonijiet u s-soluzzjoni guridika taghhom.

Ghalhekk f'azzjoni kambjarja l-eccezzjonijiet ghandhom ikunu limitati u ristretti ghad-dokument stess (il-kambjala) u m'ghandhomx jidhlu fil-kamp ta' obbligazzjonijiet ohra. L-azzjoni kambjarja ghandha hajja ghal kollox indipendenti minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ippreceditha jew obbligazzjoni li setghet iggenerat. L-obbligazzjonijiet emergenti huma dawka li johorgu mis-semplici firem tal-persuni li jidhru fuq il-kambjala (ara sentenza **Kum. JMB Portelli vs Sullivan 17/10/89).**

L-istess qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenzi fl-ismijiet **Jet Tech Ltd vs M. Coppola App 13/3/01 u Adrian Busietta nomine vs. Marco Attard nomine deciza fid-9 ta' Frar, 2001** :-

"Issa filwaqt li hu minnu illi "l-eccezzjonijiet personali huma opponibbli ghall-possessur tal-kambjali li qed jitlob il-hlas taghha u jistghu jirrigwardaw tant l-origini tal-obbligazzjoni kemm l-ezercizzju taghha" (Volume XXX part iii page 499), u dan a vantagg tal-konvenut kjamat biex jonora l-

kambjala, kellu jkun ovvju li l-oggett tal-azzjoni kambjarja ma setax u m'ghandux ikun konfuz ma l-oggett li kien jifforma l-obbligazzjoni naxxenti minn negozju u li taha lok ghall-hrug taghha. Il-ligi stess, proprju bl-insistenza fuq l-awtonomija tal-azzjoni kambjarja u bil-limitazzjoni tal-eccezzjonijiet li setghu jinghataw ghaliha, kif ukoll bl-insistenza fuq l-ispeditezza fid-determinazzjoni tal-azzjoni, kienet tiddistingwi u ssalva n-negozju originali li jibqa' soggett ghall-verifika u kontestazzjoni, anki wara li tkun giet determinata l-azzjoni kambjarja u anki wara li tkun giet onorata l-kambjala b'konsegwenza tal-ezekuzzjoni ta' sentenza fuqha moghtija.

L-Artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc infatti necessarjament jimplika illi eccezzjonijiet li kienu ta' natura personali ghall-possessur u li allura setghu joriginaw min-negozju li taha lok ghall-hrug tal-kambjala imma li setghu idewmu d-determinazzjoni tal-azzjoni kambjarja, kellhom bhala regola jigu skartati. Dan dejjem salv id-dritt li tali eccezzjonijiet jistghu jigu ventilati f'azzjoni li tikkontesta n-negozju originali."

**Tikkunsidra**

Fil-kaz in ezami jirrizulta li fil-kawza li l-konvenut ippropona, hu mhux qed jikkontesta l-validita' tal-kambjali in kwistjoni u lanqas mhu qed jallega li fl-elementi kostitutivi fattwali taghhom huma nulli. Invece hu qed jitlob li l-kambjali jigu dikjarati li m'humiex pagabbli billi ebda ammont ma hu dovut a termini tal-konvenju li minnu originaw dawn il-kambjali. Dan ifisser li l-Qorti trid tindaga dwar il-mertu tal-ftehim originali u dana bil-fors ifisser ezami fil-fond u fit-tul tal-kwistjoni. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tigi konsidrata bhala wahda li tista' tinqata' malajr.

Il-konvenut qed jissottometti li l-artikolu 198 tal-Kap 13 mhux applikabbili f'dana l-kaz billi l-eccezzjoni tieghu tolqot l-ezistenza stess tal-kambjali li jivvizzjaw il-kunsens tal-konvenut u kwindi hemm in-nullita' tal-kambjali. Il-konvenut qed jghid illi hu manifestament doluz li l-attur jittenta jikseb il-hlas ta' kambjali illi m'humiex dovuti. Il-

konvenut mhux qed jallega li kien hemm xi dolo fl-iffirmar tal-kambjali stess imma qed isostni li hemm dolo fil-fatt li l-attur qed jitlob il-hlas tal-kambjali, meta skond hu dawn mhux dovuti ghar-ragunijiet li hu semma. L-attur qed jikkontesta dan. Illi ghalhekk jidher car f'dana l-kaz li l-konvenut mhux qed jikkontesta l-validita' tal-kambjala u l-eccezzjoni tieghu ma timpingiex fuq in-natura stess tal-kambjala imma hija diretta lejn in-negozju li ppreceda l-hrug ta' l-istess kambjali.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut mhux qed jattakka l-validita' tal-kambjali imma l-obbligazzjoni originali u l-eccezzjoni tieghu ma hiex likwida u lanqas ta' facile soluzzjoni u tehtieg indagini twila, konsegwentement it-talba tieghu ghal-soprasessjoni ma tistax tintlaqa' billi tfisser dewmien fil-hlas tal-kambjala. Jibqghu dejjem is-salvagwardji previsti fl-artikolu 198 sakemm tigi verifikata l-pretenzjoni tal-konvenut fl-istanza separata.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenut,

spejjez ghall-konvenut,

u tiddifferixxi l-kawza biex il-partijiet jaghlqu l-provi taghhom ghad-9 ta' Dicembru, 2002 fid-9.45 a.m.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**